**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Frar, 2002

**Numru 13**

**Avviz. numru 1593/01JR**

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Patrick u Dorianne Xuereb**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u zewg liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm402.10), dovuti skond hames (5) kambjali li gew ffirmati minnhom u li skadew fl-10 ta' Lulju, 2001, fl-10 ta' Awissu, 2001, fl-10 ta' Settembru, 2001, fl-10 ta' Ottubru, 2001 u fl-10 ta' Novembru, 2001, izda baqa' ma thallasx u**

**dana nonostante li gew diversi drabi interpellati, u dana kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru, 2001, kontra l-konvenuti u bl-imghax kontra l-istess konvenuti mid-data ta' kull skadenza, u bil-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Louis Bianchi ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u zewg liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm402.10).**

**Peress li l-kambjali ma humiex esebiti u ma hemmx l-ammont ta' kull kambjala, l-imghaxijiet legali ghandhom jiddekorru mit-12 ta' Settembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru, 2001, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**